# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 4**

**Rikors Maħluf Numru 53/2006**

**Jane *sive* Janie Borg u żewġha Paul Borg**
**għal kull interess li jista' jkollu**

***v.***

**Kenneth Cefai f'ismu proprju u għal**
**kull interess li jista' jkollu f'*Learnkey***
***Training Institution*; u b'nota tas-26 ta'**
**Gunju 2008 Odette Demicoli assumiet l-atti**
**tal-kawza f'isimha proprju kif ukoll f'isem**
***Learnkey Training Institution***

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-16 ta' Lulju 2014 li biha ċaħdet it-talbiet tagħhom biex jitħassru mandati eżekuttivi maħruġa bis-saħħa ta' titolu esekuttiv li l-atturi jgħidu li ma jorbotx lilhom.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata tal-ewwel qorti tas-16 ta' Lulju 2014:

> »1. Illi fit-2 ta' April, 2004 ġiet intavolata applikazzjoni f'isem Christana Maria Borg ta' 34, Triq Ġojjin, Kerċem, Gozo fejn din intrabtet li tattendi kors mal-kumpannija *Learnkey Ltd* u fuq din il-formola tirriżulta l-firma ta' Janie Borg liema firma fl-ebda stadju tal-proċeduri ma ġiet kontestata mill-attriċi Janie Borg.
>
> »2. Illi preċedentement għall-intavolar tal-avviż tat-talba ntbagħtu xi ittri interpellatorji fl-indirizz tal-atturi kif ukoll ittra uffiċċjali, liema ittri għalkemm indirizzati bħala Jamie Borg u ġew notifikati, qatt ma ġew ritornati mill-atturi jew ġiet preżentata risposta għalihom. Din il-qorti hija konvinta mill-provi mressqa fl-atti li dawn l-ittri fil-fatt waslu għand l-atturi u għand ħadd aktar, liema ittri iżda għal raġunijiet li jafuhom biss l-atturi ġew injorati minnhom.
>
> »3. Illi fit-12 ta' Lulju, 2005 ġie preżentat l-avviż mill-konvenut fil-konfront ta' persuna indikata bħala Jamie Borg bl-indirizz 34, Triq il-Ġojjin, Kerċem, Għawdex. Jirriżulta li dan ġie notifikat fit-3 t'Ottubru, 2005. Din il-qorti tirrileva li hemm dubju serju jekk fuq in-notifika hemmx miktub Jamie Borg jew Janie Borg iżda fi kwalunkwe każ ir-riferta waslet fir-residenza indikata mill-istess Janie Borg f'dawn il-proċeduri liema residenza hija wkoll ikkonfermat bil-ġurament waqt ix-xiehda tagħha. Fl-avviż tat-talba fejn verament l-isem huwa indikat bħala Jamie Borg it-talba iżda tagħmel referenza għall-konvenuta u mhux konvenut kif ukoll isemmi lil bint Janie Borg bl-isem ta' Christiana Marie Borg filwaqt li tagħmel referenza għas-servizz li l-istess Janie Borg kienet iffirmat għalih f'isem bintha permezz tal-applikazzjoni ffirmata minnha … … … Tul il-proċeduri l-atturi fl-ebda stadju ma kkontestaw dan id-dokument. Għal xi raġuni jirriżulta li *nonostante* li mill-avviż kien jidher ċar u mingħajr dubju li t-talba kienet tikkonċerna flus dovuti fil-konfront ta' bint l-atturi Christiana Marie Borg, xorta waħda f'dak l-istadju l-atturi għażlu li ma jagħmlu xejn dwarha.
>
> »4. Illi jirriżulta lil din il-qorti li l-atturi ddeċidew biss li jikkontestaw it-talbiet tal-konvenuti fl-istadju li l-konvenuti pruvaw jesegwixxu d-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar u dan wassal għall-kawża odjerna.«

3. L-atturi mbagħad fetħu din il-kawża u talbu lill-qorti sabiex:

> »1. tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq premessi is-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet <u>Kenneth Cefai *pro et noe v.* Jamie Borg</u> fl-avviż numru ħamsa u sittin żbarra elfejn u ħamsa (65/2005) deċiża fis-16 ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) ma tagħmel l-ebda stat fil-konfront tal-atturi u ma tistax tiġi esegwita fuq il-proprjetà tagħhom, *stante* illi huma qatt ma kienu notifikati bl-atti ta' dik il-kawża … … …;
>
> »2. konsegwentament tordna illi l-mandat ta' qbid numru 68/2006 u dak ta' sekwestru numru 52/2006 … … … ma jistgħux jiġu esegwiti fil-konfront tal-atturi;

»3. konsegwentament tordna illi l-oġġetti maqbuda bl-imsemmi mandat ta' qbid ma għandhom jiġu rilaxxati lil atturi, filwaqt illi l-kwalunkwe fondi sekwestrati bl-imsemmi mandat ta' sekwestru għandhom ikunu rilaxxati lil atturi.«

4. Il-konvenut wieġeb hekk:

»1. illi fl-ewwel lok, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u dana għas-segwenti raġunijiet:

»(a) ili l-indikazzjoni ta' l-ittra "M" minflok l-ittra "N" fl-avviż tat-talba, b'mod li l-isem "Janie" ġie jaqra "Jamie", isem ta' raġel, kien sempliċiment żball tal-pinna. Kemm fil-premessi tat-talba kif ukoll fl-elenku tax-xhieda, ir-riferenza hija għal persuna femminili – għall-konvenuta, illum rikorrenti. It-talba intavolata quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (talba numru 65/2005) fl-ismijiet <u>Kenneth Cefai *pro et noe v.* Janie Borg</u> (avviż numru 65/2005) kienet sabiex jitħallsu *tuition fees*, spejjeż ta' uniformi u kotba in konnessjoni ma' taħriġ lil Christiana Marie Borg … … …. Din Christiana Marie Borg tiġi bint Janie Borg, detentriċi tal-karta tal-identità numru 6441(a) … … …; għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-kawża u l-mandati saru kontra l-persuna ta' "Janie Borg" bħala l-leġittima rappreżentanta ta' bintha Christiana Marie Borg, u ħadd iktar, minkejja li bi svista l-isem ġie indikat bħala "Jamie Borg". *Oltre* minn hekk in-numru tal-karta tal-identità li kien użat fid-dokumenti kollha li ġew ippreżentati l-qorti kien in-numru 6441(a), in-numru tal-karta tal-identità ta' Janie Borg u qatt ma intuża numru tal-karta tal-identità li kien jikkorispondi għal xi persuna oħra. Għalhekk ma teżisti l-ebda żball fl-identità tal-persuna, kif qiegħda tallega r-rikorrenti fir-rikors promotur, peress li t-talba magħmula quddiem it-tribunal kienet tikkonċerna ħlas ta' flus dovuti lill-intimati minn Christiana Marie Borg, bint l-istess Janie Borg residenti f'numru 34, Triq il-Ġojjin, Kerċem, Għawdex għas-servizzi provduti lilha mill-istess intimati;

»(b) illi qabel ma l-intimati ipproċedew bl-avviż suċitat quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, huma kienu bagħtu diversi ittri fl-indirizz 34, Triq il-Ġojjin, Kerċem, Għawdex, fejn interpellaw lil Janie Borg sabiex hija tħallas l-ammont dovut bħala *tuition fees* ta' bintha. L-ittri, li dejjem intbagħtu fl-indirizz indikat mill-istess rikorrenti fl-applikazzjoni kompilata minnha istess, … … … qatt ma ġew irritornati lura. Lanqas ma kienet saret xi forma ta' komunikazzjoni minn Janie Borg għan-nom ta' bintha Christiana Marie Borg li l-ammont ma kienx dovut jew li inkella l-ittri kienu qegħdin jintbagħtu fl-indirizz il-ħażin għaliex huma bħala destinatarji tal-ittri ma kellhomx relazzjoni ġuridika jew obbligi mal-*Learnkey Training Institution*. Anzi l-istess Christiana Marie Borg fis-26 ta' Frar 2005 kienet għamlet komunikazzjoni mar-rappreżentanta tal-*Learnkey Training Institution* f'Għawdex, Odette Demicoli, fejn infurmatha li hija kienet sejra tħallas l-ammont dovut minnha fi żmien qasir, liema ħlas però baqa' qatt ma sar;

»(2) illi fit-tieni lok id-dikjarazzjoni kontenuta fil-ħames paragrafu tar-rikors promotur lanqas ma hija korretta *stante* li r-rikorrenti Janie Borg kienet ġiet debitament notifikata bl-avviż tas-smigħ hekk kif jirriżulta mir-riferta fl-avviż tat-talba … … …. Kif joħroġ mill-istess dokumenti annessi, l-avviż tat-talba Kenneth Cefai *pro et noe v.* Janie Borg (avviż numru 65/2005) kien ġie notifikat lil Janie Borg mill-uffiċjal inkarigat min-notifiki Joe Curmi. Ladarba r-rikorrenti kienu ġew debitament notifikati bl-avviż tat-talba, kien fl-interess tagħhom li jikkontestaw t-talba preżentata. La darba għażlu li ma jikkontestawx tali talba u lanqas għażlu li jattendu għas-smigħ tal-kawża quddiem it-Tribunal għal-Talbiet Żgħar (Għawdex), kif ukoll lanqas għażlu li jintavolaw appell minn tali deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, huwa prekluż lir-rikorrenti milli f'dan l-istadju jargumentaw li ma ngħatawx smigħ xieraq u jirrikorru għal dina l-kawża biex b'xi mod jippruvaw li s-sentenza tat-Tribunal għal-Talbiet Żgħar tas-16 ta' Diċembru 2005, mogħtija wara proċess validu li rrispetta l-prinċipji bażilari tal-ġustizzja naturali, u li issa għaddiet in ġudikat, ma tiġix eżegwita.«

5. B'sentenza tad-9 ta' April 2010 (li ma hijiex is-sentenza li minnha sar dan l-appell tallum) l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kontrihom. L-atturi mbagħad appellaw b'rikors tat-23 ta' April 2010 u din il-qorti b'sentenza tal-31 ta' Jannar 2014 laqgħet l-appell, ħassret is-sentenza tad-9 t'April 2010 u bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti għall-kontinwazzjoni.

6. B'sentenza tas-16 ta' Lulju 2014 – dik li minnha sar l-appell tallum – l-ewwel qorti reġgħet ċaħdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»… … … permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin primarjament jitolbu dikjarazzjoni minn din il-qorti li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma tagħmilx stat fil-konfront tagħhom u ma tistax tiġi eżegwita fil-konfront tagħhom, għaliex jallegaw li qatt ma ġew debitament notifikati bl-atti ta' dik il-kawża. Konsegwenti għal din it-talba qed jitolbu wkoll dikjarazzjoni li l-mandat ta' qbid numru 68/2006 u dak ta' sekwestru 52/2006 ma jistgħux jiġu esegwiti fil-konfront tagħhom u wkoll dikjarazzjoni sabiex jiġu rilaxxati l-oġġetti maqbuda.

»Ir-raġunijiet indikati fil-premessi tal-atturi u li fuqhom huma bbażati dawn it-talbiet fil-qosor huma:

»1. illi n-notifika li saret fl-indirizz tal-atturi *cioè* 34, Triq il-Ġojjin, Kerċem, Għawdex saret lil ċertu Jamie Borg filwaqt li l-attriċi jisimha Janie Borg u għalhekk skont l-atturi Janie Borg qatt ma kienet notifikata bl-avviż quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar;

»2. illi l-atturi ma jafu lill ħadd li jgħix fl-indirizz tagħhom li jismu Jamie Borg;

»3. ulli kien biss wara d-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar u meta din ġiet biex tiġi esegwita illi l-atturi saru jafu bil-kawża u bid-deċiżjoni.

»Illi minn naħa l-oħra l-konvenuti jsostnu li l-indikazzjoni tal-isem bħala Jamie Borg u mhux Janie Borg kien biss żball tal-pinna u li mill-atti tat-talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ma hemmx dubju li n-notifika kienet indirizzata lil Janie Borg bħala omm Christiana Marie Borg tant illi fid-dokumenti esebiti quddiem it-Tribunal hemm ukoll indikata l-karta tal-identità korretta ta' Janie Borg li ġġib in-numru 6441(A).

»… … …

»Illi minn dak kollu suespost din il-qorti ssostni li punt kruċjali f'din il-kawża huwa jekk in-notifika lil Janie Borg quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar kienitx waħda valida jew le. Wara li dan jiġi determinat il-qorti tkun tista' tipproċedi biex tiddeċiedi dwar jekk għandhomx jintlaqgħu t-talbiet attriċi jew le. B'danakollu iżda ma jfissirx li l-qorti qed tieħu xi deċiżjoni dwar il-validità *o meno* tad-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar *stante* li dan la qiegħed jiġi mitlub mill-atturi u l-validità tagħha lanqas ma jidher li qed jiġi kontestat mill-istess atturi.

»Illi *ai termini* tal-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> »"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha."

»Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-avviż kien intiż għal Janie Borg u għal ebda persuna oħra *stante* li t-talba kienet tikkonċerna servizzi li applikat għalihom bintha msemmija fl-avviż. L-avviż ġie notifikat fl-indirizz ta' Janie Borg jew lilha personali jew lill-persuna oħra li kienet preżenti fir-residenza u li fetħet il-bieb. Dan jirriżulta kemm mir-riferta kif ukoll mix-xiehda ta' Joe Curmi … … … li l-avviż wasal għand min kellu jasal *cioè* l-attriċi. Għalhekk in-notifika *ai termini* tal-artikolu 187(1) saret.

»L-atturi iżda jsejsu l-kawża tagħhom fuq il-fatt li flok l-isem Janie kien hemm indikat Jamie, *cioè* fuq differenza f'ittra li minflok 'N' ġie indikat bħala 'M". L-atturi jespandu fil-premessi tagħhom fis-sens li dan kien ifisser li n-notifika saret lil persuna maskili u mhux femminili. Dan iżda ma jirriżultax mill-atti. In-notifika taqra li din ingħatat personalment iżda ma tindikax is-sess tal-persuna; dan apparti d-dubju mqajjem minn din il-qorti aktar 'il fuq dwar jekk hemmx miktub Janie jew Jamie fuq in-notifika. Minn naħa l-oħra iżda fl-avviż hemm indikat illi l-konvenuta u mhux il-konvenut qed tiġi mitluba tħallas; allura m'hemmx dubju li l-avviż kien indikat lil persuna femminili, u fl-opinjoni ta' din il-qorti l-indikazzjoni tal-ittra 'M' flok 'N', jekk verament seħħ hekk, kienet purament żball tal-kitba. Qed jingħad hekk għaliex fl-avviż in kwistjoni fejn hemm l-ittra M fl-isem 'Jamie' din tidher li ma nkitbitx b'mod sħiħ anzi pjuttost jidher li l-ewwel tniżżlet l-ittra 'N' mbagħad żdiedet linja biex din tiġi taqra 'M' però din il-qorti ma għandha xejn x'juriha jekk

kinux l-istess konvenuti li għamlu din il-korrezzjoni *di volontà* tagħhom qabel il-preżentata tal-avviż jew jekk kienx xi terz. Fi kwalunkwe każ iżda l-iżball fl-ittra 'M' flok "N' huwa evidenti iżda ma jwassalx għal żball fil-persuna notifikata u dan tenut kont tal-bqija tal-kontenut tal-avviż fosthom l-indirizz korrett, l-użu tal-kelma 'konvenuta' aktar minn darba fl-istess avviż kif ukoll l-indikazzjoni ta' bint in-notifikata b'isimha. Il-fatt li bint il-konvenuta inzertat għandha isem li pjuttost huwa distint *stante* li jikkonsisti fil-fatt f'żewġ ismijiet u dan huwa indikat fl-avviż flimkien mal-kunjom Borg, *cioè* kunjom l-atturi, ma jħallu l-ebda ombra ta' dubju f'moħħ din il-qorti li meta l-avviż ġie notifikat fl-indirizz tal-atturi dawn kienu jafu li kien indirizzat lilhom u lil ebda terza persuna oħra. Iżda kif ġà ingħad l-atturi, b'mod partikolari l-attriċi, għażlet li ma tagħmel xejn dwar dak li kienet ġiet notifikata bih.

» … … …

»… … … huwa evidenti lil din il-qorti li l-persuna intiża sabiex tiġi notifikata bl-avviż fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar kienet fil-fatt l-attriċi odjerna li faċilment kienet identifikabbli mill-kontenut tal-avviż. Isegwi wkoll mingħajr ebda dubju illi l-persuna li kontra tagħha ngħatat id-deċiżjoni fl-ismijiet <u>Kenneth Cefai *pro et noe v.* Jamie Borg</u> u li ġġib l-avviż numru 65/2005 u l-attriċi f'dawn il-proċeduri Janie Borg huma l-istess persuna.

»*Nonostante* dan kollu iżda permezz tat-talbiet tagħhom l-atturi qed jippretendu li din il-qorti tapplika formaliżmu eċċessiv u kontra kull interess tal-ġustizzja twaqqaf l-infurzar ta' deċiżjoni li ġiet ottenuta mill-konvenuti b'mod leġittimu fil-konfront tal-atturi. Dan kollu sabiex l-atturi jippruvaw jikkoreġu l-iżball fil-ġudizzju li għamlu huma stess meta għal raġunijiet tagħhom iddeċidew li għalkemm notifikati jew aħjar għal-kemm Janie Borg kienet notifikata, għażlu li ma jirrispondux għall-avviż u *cioè* għat-talba mressqa lilhom mill-konvenuti quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Din il-qorti m'hiex disposta li twarrab il-prinċipji ta' ġustizzja u li tkun komparteċipi sabiex tagħmel tajjeb hi għan-nuqqasijiet tal-atturi u dan a skapitu tad-drittijiet leġittimi ottenuti mill-konvenuti.«

7. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-4 ta' Awissu 2014 li għalih il-konvenuti wieġbu fid-29 ta' Settembru 2014.

8. Fl-ewwel aggravju l-atturi appellanti jgħidu illi s-sentenza appellata ma tiswiex għax ingħatat fil-konfront ta' parti – Odette Demicoli, li assumiet l-atti flok il-konvenut – illi ma hijiex validament parti fil-kawża għax ma assumietx l-atti tal-kawża bil-mod kif trid il-liġi. Ifissru dan l-ewwel aggravju tagħhom hekk:

»Illi fl-ewwel lok is-sentenza hija nulla peress illi din ingħatat fil-kon-front ta' parti li ma setgħet qatt kienet konvenuta f'din il-kawża. Dan

qed jingħad fir-rigward tal-konvenuta Odette Demicoli li *sua sponte* qabdet assumiet l-atti tal-kawża f'isimha mingħajr il-kunsens ta' l-atturi jew l-approvazzjoni tal-qorti. Dan sar wara li jidher illi l-konvenut oriġinali ma kienx fadallu aktar interess f'din il-kawża.

»Kif ben tajjeb irriteniet din l-onorabbli qorti fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2014 f'din l-istess kawża qabel ma reġgħet irrinvjat lura quddiem l-ewwel qorti:-

> »"Qabel xejn għandu jingħad illi huwa dubbjuż kemm tista' tkun tiswa assunzjoni tal-atti, li biha jinbidel konvenut f'kawża, meta tkun magħmula unilateralment b'nota. Il-persuna oriġinalment imħarrka ma tistax teħles mill-obbligazzjonijiet meritu tal-kawża kontrieha billi ġġib terza persuna li, mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra u mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti, tassumi l-atti flokha."

»Illi dan in-nuqqas proċedurali ma setax jiġi sanċit mill-qorti qisu qatt ma kien xejn bis-sentenza tagħha allura ingħatat *vis-à-vis* persuna illi effettivament ma setgħetx kienet parti fil-kawża; b'dik il-parti li effettivament kienet il-konvenuta tiġi qisha ħielsa mill-ġudizzju, min-ħabba din l-assunzjoni tal-atti.

»Dan ifisser illi effettivament il-konvenut f'din is-sentenza huwa ineżistenti għaliex il-konvenut proprja ġie maħruġ mill-proċedura meta ġiet aċċettata l-assunzjoni tal-atti, liema assunzjoni saret b'mod mhux skond il-liġi.«

9. Din il-qorti taqbel mal-atturi appellanti meta jgħidu illi l-assunzjoni tal-atti minn Odette Demicoli "f'isimha proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-*Learnkey Training Institution*" b'nota tas-26 ta' Ġunju 2008[1] ma saritx kif trid il-liġi għax b'hekk ġiet li unilateralment bidlet il-persuna tal-konvenut fil-kawża u mhux biss ir-rappreżent-anza ta' korp morali. Kif tajjeb osservat din il-qorti fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2014, "il-persuna oriġinalment imħarrka ma tistax teħles mill-obbligazzjonijiet meritu tal-kawża kontrieha billi ġġib terza persuna li, mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra u mingħajr l-awtor-izzazzjoni tal-qorti, tassumi l-atti flokha".

10. Barra minn hekk l-assunzjoni tal-atti ta' kawża sseħħ wara li min ikun jixtieq jidħol fil-kawża jippreżenta rikors li fih jitlob l-awtor-izzazzjoni tal-qorti sabiex jassumi l-atti flimkien ma' jew minflok dik il-

[1] *Fol.* 78.

parti li hekk għandha x'taqsam. L-artikolu 810A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fil-fatt igħid hekk:

> »**810A.** Fil-każ ta' xi bdil ieħor tal-partijiet f'kawża għal raġuni oħra li ma tkunx il-mewt *pendente lite* ta' xi parti fil-kawża, min ikun jixtieq jidħol fil-kawża għandu jippreżenta rikors li fih jitlob awtorizzazzjoni sabiex jassumi l-atti tal-kawża flimkien ma' jew minflok dik il-parti li hekk għandha x'taqsam u s-sentenza tkun torbot lil dik il-parti li tkun assumiet l-atti tal-kawża.«

11. Fin-nuqqas tar-rikors li jrid l-art. 810A u tad-dikriet relativ, l-assunzjoni tal-atti minn Odette Demicoli ma tiswiex.

12. Madanakollu, dan ma jfisirx lis-sentenza wkoll ma tiswiex. L-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma għandhiex tintlaqa' "jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha" u, kif naraw aktar 'il quddiem[2], ma jistax jingħad illi s-sentenza li minnha sar l-appell ma hijiex ġusta fis-sustanza tagħha. Barra minn hekk, l-atturi ma ġarrbu ebda preġudizzju għax, kif sejra tordna l-qorti, is-sentenza sejra titqies li ngħatat fil-konfront tal-konvenut minnhom imħarrek. *Se mai*, kien ikun il-konvenut Cefai li kien iġarrab preġudizzju li kieku ngħatat sentenza li torbot lilu meta mingħalih li ma għadux parti fil-kawża, iżda, kif sejrin naraw 'il quddiem, il-konvenut Cefai ukoll ma huwa sejjer iġarrab ebda preġudizzju.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qiegħda tħassar l-assunzjoni tal-atti magħmula minn Odette Sultana, tordna li jitħassar mill-*occhio* tal-kawża l-kliem "u b'nota tas-26 ta' Ġunju 2008 Odette Demicoli assumiet l-atti tal-kawża kemm f'isimha proprju kif ukoll f'isem

2 Para. 17 *et seqq.*

*Learnkey Training Institution*” sabiex b'hekk il-kawża titqies li baqgħet dejjem kontra l-konvenut Cefai f'ismu proprju u f'isem “*Learnkey Training Institution*” (jekk din tassew hija korp morali u mhux biss ditta tal-konvenut).

14. L-ewwel aggravju tal-appell, safejn jolqot il-validità tas-sentenza, huwa għalhekk mniċħud.

15. It-tieni aggravju ġie mfisser hekk:

> »… … … l-esponenti ma jaqbilx illi s-sentenza mogħtija fil-konfront ta' “Jamie” Borg tista' tkun effettiva kontra Jane (*sive* Janie) Borg. L-esponenti jemmen illi … dan mhux każ ta' żball ta' ortografija. Dan huwa isem kompletament divers fejn anke is-sess tal-persuna ġie maqlub peress illi l-isem ‘Jamie’ jirreferi għas-sess maskili. *Inoltre* … l-persuna imħarrka u li effettivament ġiet ikkundannata fis-sentenza ma hijiex identifikata suffiċentament. Il-marixxal jgħid illi ma jiftakarx lil min ikkonsenja l-att. Ma jiftakarx jekk kienx raġel jew mara u r-riferta tat-3 ta' Ottubru 2005 jingħad biss illi innotifika lil “Jamie Borg personalment billi tajtu fl-indirizz mogħti lili …”. Ma huwiex ċar lil min ġie ikkonsenjat dan l-att aktar u aktar meta Jane Borg qed tiċħad illi hi qatt irċeviet dan l-att u l-uniku darba li irċeviet xi att mill-qorti kien il-mandat.
>
> »Jidher illi wara din l-allegata notifikata, anke l-atturi ndunaw li kien hemm xi ħaġa mhix flokha tant illi fis-27 ta' Ottubru 2005 it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ta digriet li bih ordna in-notifika permezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni. Jidher illi sussegwentament in-notifika bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni ma saritx in komplet, iżda *cio nonostante* t-tribunal baqa' għaddej għas-sentenza.
>
> »Fid-dawl ta' dan kollu jsegwi għalhekk illi l-esponenti ma jirriavviżax dak li rreteniet l-ewwel qorti meta qalet illi “l-persuna intiża biex tiġi notifikata bl-avviż fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar kienet fil-fatt l-attriċi odjerna” u li l-atturi “iddeċidew li għalkemm notifikati jew aħjar għalkemm Janie Borg kienet notifikata għażlu li ma jirrispondux għal l-avviż”.
>
> »Imkien ma huwa daqshekk ċar illi Jane *sive* Janie Borg hija l-istess persuna fl-avviż indikata bħala Jamie Borg li l-marixxall ma ftakarx hux raġel jew mara. Imkien ma huwa daqshekk ċar illi l-attriċi Jane Borg kienet il-persuna rejalment notifikata. U kwalsijasi dubbju favur il-validità għandu jixxejjen bil-fatt illi Jane Borg innifisha kkonfermat bil-ġurament u b'mod mhux kontradett illi hija qatt ma rċeviet dik in-notifika. Dan il-fatt jidher illi ġie skartat kompletament minn l-ewwel qorti li l-anqas biss għamlet l-iċken aċċenn għalih fil-ġudizzju tagħha.
>
> »L-esponenti jissottometti illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, anke kieku, għall-grazzja ta' l-argument, l-isem ta' Jane Borg kien dak indikat fl-avviż, xorta waħda ir-riferta hija waħda li tqajjem dubbji serji

> dwar il-validità tagħha bil-mod kif xehed l-uffiċċjal tal-qorti Joe Curmi li kien il-persuna li allegatament esegwixxa in-notifika li saħansitra lanqas seta' jikkonferma jekk il-firma fuq ir-riferta kinitx tiegħu jew le (ara l-aħħar parti tal-kontro eżami tat-2 ta' Lulju 2009). *Inoltre*, wieħed ma jistax ma josservax illi anke l-attur u fil-kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar u it-tribunal innifsu ħassew li kien hemm xi ħaġa irregolari fir-riferta (xi ħaġa li effettivament qatt ma ħarġet) tant illi ftit wara ġiet ordnata notifika bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni, liema notifika nbdiet u qatt ma tkompliet tant illi anke r-riferti li normalment isiru mal-affissjoni bħal per eżempju tal-Kunsill Lokali, tal-Għassa tal-Pulizija *etc.* saru biss nofshom u qatt ma ġew kompletati. Ma jkun qed jingħad xejn barra minn loku li jiġi esklamat illi dan il-każ huwa wieħed stran u jqajjem suspett.
>
> »Dan qed jingħad biss għall-argument u għal korroborazzjoni tal-affarijiet għax l-gravam ewlieni u li fuqu hi bbażata din il-kawża huwa l-indikazzjoni ta' konvenut b'isem ieħor; fejn l-esponenti qed jissotto-metti illi dan in-nuqqas ma jistax jiġi sanat bil-fatt illi minkejja li l-isem hu ħażin l-persuna notifikata hija suffiċentament identifikata.
>
> »Din mhix kwistjoni ta' formaliżmu żejjed kif sejħitilha l-ewwel qorti, iżda kwistjoni fejn l-persuna ġiet indikata b'isem totalment differenti bħala Jamie meta hi tissejjaħ Jane jew Janie; isem illi jibdel is-sess tal-persuna, u li għalhekk żgur is-sentenza mogħtija kontra Jamie ma tistax tiġi esegwita kontra Jane. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-konfużjoni *magna* li offriet ir-riferta, u d-depożizzjoni tal-marixxall li għamilha, liema konfużjoni tkompli toħroġ mill-atti tat-tribunal innifsu.«

16. Fil-fehma ta' din il-qorti ma hermm ebda raġuni li tista' toħloq xi dubju dwar il-korrettezza tad-deċiżjoni tal-ewwel qorti.

17. In-notifika lill-attriċi saret kif igħid u jrid l-art, 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax ir-referta turi illi n-notifika saret fir-residenza tagħha u illi l-avviż ingħata lilha personalment. L-uffiċjali esekuttiv responsabbli għan-notifika xehed illi n-notifika saret fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2005 f'idejn il-persuna li kellha tiġi notifi-kata[3] u, kontra dak li jgħidu l-atturi appellanti, ikkonferma l-firma tiegħu fuq ir-riferta[4]. Il-fatt li wara numru ta' snin l-uffiċjal ma setax jiftakar ċerti dettalji, meta xehed wara li kien għamel mijiet oħra ta' notifiki, ma jnaqqas xejn mill-kredibilità tiegħu.

---

[3] *Foll.* 71, 72, 111B u 111D.

[4] *Fol* 111A.

18. Tassew li kien hemm żball, iżda l-iżball kien żball tal-kitba u mhux żball fl-identità tal-persuna notifikata, u ċertament persuna *in bona fide* ma kien ikollha ebda diffikoltà tifhem lil min kien indirizzat l-avviż meta tqis illi l-indirizz tal-attriċi, in-numru tal-karta tal-identità tagħha, l-użu tal-kelma "konvenuta" aktar minn darba fl-istess avviż, il-fatti li wasslu għall-kawża, kif ukoll l-isem ta' bintha kollha jikkorrespondu. Meta mbagħad l-atti tal-proċess quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar proċesswali kienu juru biċ-ċar illi l-avviż kien ġie notifikat lil min kellu jiġi notifikat, ma kienx hemm ħtieġa li ssir ukoll notifika bil-pubblikazzjoni u bl-affissjoni.

19. Wara li fliet l-atti kollha proċesswali u qieset ix-xiehda u s-sotto-missjonijiet tal-partijiet, din il-qorti ma għandha l-ebda dubju li l-persuna mħarrka kienet tassew l-attriċi tallum, illi l-attriċi setgħet malajr tifhem illi l-avviż kien indirizzat lilha, illi l-attriċi ġiet notifikata kif trid il-liġi bl-avviż in kwistjoni iżda għażlet li ma tagħmel xejn dwaru, u li issa qiegħda tfittex li taħrab il-konsegwenzi billi tfittex li toħloq dubji li ma jeżistux.

20. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, dan it-tieni aggravju wkoll sejjer jiġi miċħud.

21. Din il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata tas-16 ta' Lulju 2014.

22. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell iħallsuhom l-atturi, b'dan illi, billi hija tal-fehma illi dan l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju, il-qorti tikkundanna lill-

atturi appellanti jħallsu l-ispejjeż għal darbtejn kif igħid u jrid l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr